# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA
## - SEDE KOSTITUZZJONALI -

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 3 ta' Dicembru 2015**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 17/2015/LSO**

**Sebastiano Brunno**

**vs**

**(1) L-Avukat Generali**

**(2) Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta’ Sebastiano Brunno datat 9 ta’ Frar u 2015 a fol 1 tal-process : -

Illi l-esponent gie ffacjat bi proceduri ghall-estradizzjoni tieghu lejn l-Italja u dan wara l-mandat ta' arrest provvizorju mahrug mill-Magistrat Dottor Antonio Micallef Trigona nhar it-22 ta' Lulju 2014, fejn l-istess Magistrat awtorizza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jarresta u jiehu taht il-kustodja tieghu lil Sebastiano Brunno, ta' nazzjonalita` Taljana, imwieled f’ Lentini fi Sqallija, l-Italja nhar it-3 ta' Settembru 1958 u dan sabiex jittregga’ lura lejn l-Italja sabiex iservi piena ta' prigunerija ghal ghomru dwar reati ta' omicidju, komplicita' f’ tentattiv ta' omicidju aggravat, u pussess illegali ta' armi u splussivi u dan wara l-hrug ta' "red notice" ghall-arrest tieghu *via* l-Interpol, liema mandat gie mahrug *ai termni* tal-artikolu 14 tal-Kapitolu *276* tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Awtorita` ghall-Procediment mehtiega *a tenur* tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu *276* tal-Ligijiet ta' Malta giet mahruga mill-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali Malti nhar it-13 t'Ottubru 2014 u permezz taghha jirrizulta li l-Gvern tar-Repubblika tal-Italja, pajjiz barrani ghall-fnijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu *276* tal-Ligijiet ta' Malta ghamel talba sabiex jitregga’ lura f’ dak il-pajjiz l-estradant u dan wara li l-istess Ministru premetta li l-estradant kien gie misjub hati talli bejn April u Settembru 1992 b'diversi atti ikkommetta delitti ta' tentattiv ta' omicidju, omicidju volontarju kif ukoll garr u pussess t'armi u splussivi skont kif kien ukoll jidher minn skeda li l-istess Ministru annetta bhala dokument "X" anness mal-Awtorita` ghall-Procediment.

Illi b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Novembru, 2014 wara li rat l-artikolu 15(3)(b) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati laqghet it-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 3 t'Ottubru 2014 u ordnat li Sebastiano Brunno jigi mqieghed taht kustodja sabiex jigi mregga' lura lejn ir-Repubblika tal-Italja biss u limitatament ghar-ragunijiet imsemmija jigifieri sabiex jiskonta l-piena ta' prigunerija ghal ghomru flimkien mal-izolament bi nhar ghal perjodu ta' sitt xhur u dan wara li kien gie kkundannat ghall-omicidju ta' Agnello Nicolo (b'eskluzjoni tal-aggravanti skont l-artikolu 7 tal-Ligi numru 203 tat-12 ta' Lulju 1991 fir-rigward tal-omicidju volontarju) u l-pussess ta' armi tan-nar liema reati sehhew f'Lentini nhar il-11 t'April 1992.

Illi inoltre, wara li rat l-artikolu 16 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti nformat lill-estradant li fi kwalunkwe kaz huwa ma jistax jigi mreggi lura qabel ma jghaddu hmistax il-jum mid-data ta' din l-Ordni kif ukoll li huwa ghandu dritt li jinterponi appell minn din id-decizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi inoltre, il-Qorti nformat lill-estradant ukoll li jekk huwa jhoss u jahseb li xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 10(1) jew (2) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta tkun giet miksura jew li xi dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun giet jew x'aktarx tkun se tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-Qorti, hija ghandha jedd li titlob rimedju skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-

imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-kaz.

Illi permezz tar-rikors tal-appell tal-4 ta' Dicembru 2014 l-esponent talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata datata 28 ta' Novembru 2014, li biha l-ewwel Qorti ordnat li l-appellant Sebastiano Brunno jigi mqieghed taht kustodja sabiex jigi mregga' lura lejn ir-Repubblika tal-Italja pero' biss u limitatament sabiex jiskonta l-piena ta' prigunerija ghal ghomru flimkien mal-izolament bi nhar ghal perjodu ta' sitt xhur u dan wara li kien gie kkundannat ghall-omicidju ta' Agnello Nicolo (b'eskluzjoni t'aggravanti skont l-artikolu 7 tal-Ligi numru 203 tat-12 ta' Lulju, 1991 fir-rigward tal-omicidju volontarju) u il-pussess ta' armi tan-nar liema reati sehhew f' Lentini nhar il-11 ta' April 1992 u minflok tordna li jigi mehlus mill-kustodja minnufih.

Illi l-aggravji mressqa mill-esponent fl-appell tieghu kienu erbgha (4), li Ikoll gew michuda b' sentenza tas-26 ta' Jannar 2015 tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi dwar ic-cahda ta' l-ewwel tlett aggravji migjuba fir-rikors tal-appell tieghu l-esponent m' ghandu ebda Iment xi jressaq f' dan l-istadju, izda a rigward tar-raba' aggravju, l-esponent ihoss illi bil-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali trattat ma' dan l-aggravju, huwa sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghall-smigh xieraq kif sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvezjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan kif se jigi spejgat hawn aktar 'l isfel.

Illi r-raba' aggravju mressaq mill-esponent permezz tal-appell tieghu kien testwalment jaqra hekk:

*"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz jidher illi minhabba z-zmien li ghadda minn meta saru r-reat/i gewwa l-Italja fl-1992 u cioe' aktar minn 24 sena ilu,* ***kif ukoll tenut kont partikolari tar-regim karcerarju inuman u degradanti li ghalih jista' jigi assogettat l-appellant, ikun ingust u/jew oppressiv*** *illi l-appellant jigi mregga lura kif mitlub u dan kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni orali ta' dan l-appell. Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha a tenur tal-artikolu 20(b) tal-Kapitolu 276 tuza s-setghat lilha moghtija u tordna l-helsien mill-kustodja tal-esponent. L-esponent qieghed sa minn issa jirriserva li jiehu kull procedura ta' natura kostituzzjonali u/jew konvenzjonali f' dawn ir-rigward jekk u meta jkun mehtieg."*

Illi ghalhekk kien evidenti illi dak li kien qed jinvoka l-esponent kien il-poter specjali rimess esklussivament jew lill-Qorti tal-Appell Kriminali jew lill-Qorti Kostituzzjonali *a tenur* tal-Artikolu 20 tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta fejn minkejja rizultanzi ohra, jistghu jordna u l-helsien mill-kustodja immedjata tal-estradant jekk fil-fehma ta' dik il-Qorti minhabba z-zmien li jkun ghadda minn meta jkun sehh ir-reat **kif ukoll mghadud ic-cirkostanzi l-ohra kollha,** ikun ingust jew oppressiv li l-estradant jigi mregga' lura.

Illi kif jidher evidenti minn kif gie formulat l-aggravju tal-appell surriferit, kien jidher ben evidenti illi l-esponent kien qed jinvoka dan il-poter specjali li huwa rimess biss u

esklussivament liz-zewg qrati msemmija [u mhux lill-Qorti tal-Prim Istanza li quddiemha tkun bdiet il-procedura tal-estradizzjoni] ‘il ghaliex meta wiehed iqis it-trapass ta' zmien **flimkien u in abbinament mar-regim karcerarju li x' aktarx kien ser jigi impost fuq l-esponent liema regim huwa wiehed inuman u degradanti** kien ikun oppressiv u/jew ngust li jigi estradit.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali tal-appell suriferit irrizulta kjarament illi fl-ewwel lok l-esponent kien qieghed jaghmel enfasi kbira illi dan kien l-aggravju principali tieghu fl-appell minnu interpost, kif ukoll fit-tieni lok illi r-raguni ‘l ghaliex huwa kien qed jallega trattament inuman u degradanti fil-konfront tieghu jekk jitregga’ lura lejn l-Italja kien illi fil-kaz tieghu kien japplika d-dispost tal-Artikolu 41bis tal-Kodici Penali Taljan li jistipula l-awtoritijiet Taljani jistghu jissospendu certu beneficcji [jekk mhux kollha] tal-persuni mizmuma fil-habs gewwa l-Italja. Dwar dan il-punt l-esponent kien ghamel sottomissjonijiet estensivi fil-kora tat-trattazzjoni orali tal-appell inkluz billi qara u ccita brani shah minn rapport ta' Alvaro Gil-Robles, Kummisarju tad-Drittijet tal-Bniedem dwar kif dan l-Artikolu 41bis kellu jigi sospiz *in vista* tal-fatt illi kien leziv tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi minkejja dak suespost il-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza datata 26 Jannar 2015, iddisponiet mir-raba’ aggravju migjub fir-rikors tal-appell tieghu bis-segwenti mod:

*Illi r-raba' aggravju jirrigwarda t-trapass ta' zmien minn meta sehh ir-reat u cioe' fis-sena 1992 sa meta giet reza*

*rrevokabbli s-sentenza fil-5 ta' Marzu 2009. Frankament, din il-Qorti ma tistax tifhem l-argumenti mressqa mid-difiza meta l-kawza ta' dan id-dewmien kien l-estradant stess li utilizza l-mezzi kollha a dispozizzjoni tieghu biex jiehu vantagg, kif del resto kien intitolat li jaghmel, mill-opportunita' ta' diversi appelli. Ghalhekk, ma jistax igib dan l-argument a favur tieghu. Minbarra dan, ex admissis, l-estradant telaq mill-Italja biex jevita li jiskonta l-piena nflitta mill-Qrati Taljani. Meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha ta' dan il-kaz ma jista' qatt jirrizulta li jkun ingust jew oppressiv li jigi mregga' lura lejn l-Italja biex jiskonta l-piena tieghu. Ghalhekk, dan l-aggravvju wkoll ma jistax jirnexxi.*

Illi mill-bran hawn fuq iccitat jidher evidenti mhux biss illi bl-akbar rispett dik il-Qorti ma kienet fehmet u apprezzat xejn l-argument tal-appellant [fatt li kif wara kollox donnu jinsab ammess mill-istess Qorti], izda li addirittura lanqas biss ikkunsidrat l-istess argument li kien tant importanti u vitali ghall-esponent tant illi anqas esprimiet ruhha dwaru.

Illi meta wiehed iqis illi l-poter moghti mill-Artikolu 20 tal-Kap. 276 sabiex persuna tinheles mill-kustodja jekk jirrizultaw certu cirkostanzi huwa poter li setgha jigi invokat biss quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali [u mhux fil-Prim Istanza], il-fatt illi dik l-istess Qorti meta rinfacjat b' argumentazzjonijiet u sottomissjonijiet dwar suggett partikolari [f’dan il-kaz it-trattament inuman u degradanti rizultanti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 41bis tal-Kodici Penali Taljan] injorat ghal kollox tali sottomissjonijiet huwa fatt leziv tad-dritt tal-esponent ghall-smigh xieraq kif sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvezjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk ghandha

tkun din l-Onorabbli Qorti ghandha tipprovdi rimedju f'dan is-sens.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent qieghed prezentement irressaq ilment iehor dwar il-probabbli vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu f' kaz li jigi estradit lejn l-Italja u dan ghaliex jekk dan issir huwa ser ikun assoggettat ghall-trattament inuman u degradanti u dan bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan kif ser jirrizulta ampjament fil-kors tat-trattazzjoni orali ta' dan ir-rikors.

Illi bizzejjed jinghad f' dan l-istadju illi kif gja issemma hawn aktar 'il fuq, fil-kaz tal-esponent l-awtoritajiet Taljani ghandhom is-setgha illi galadarba huwa jigi mregga' lura lejn l-Italja, huwa jigi assoggettat ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 41bis tal-Kodici Penali Taljan li, kif ser jigi debitmanent ippruvat fil-kors tal-kawza odjerna, iggib mieghu applikazzjoni ta' regim karcerarju krudili, degradanti u inuman fil-konfront tal-persuna/i nkarcerati fil-habs fl-Italja.

Ghaldaqstant l-epsonent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra opportuna fic-cirkostanzi, tiddikjara ghar-ragunijiet premessi illi fil-kors tas-smigh tal-appell interpost mill-esponent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Sebastiano Brunno [App. Nru. 494/2014]* gie lez id-dritt tieghu ghall-smigh xieraq kif sanciti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-

Konvezjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u taghti rimedju ghal tali lezjoni;

2. Tiddikjara wkoll illi f' kull kaz jekk l-esponent jigi estradit bla riserva ulterjuri huwa ser issofri lezjoni tad-dritt tieghu kontra trattament inuman u degradanti kif sancit bl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk apparti kull rimedju iehor li thoss opportun fic-cirkostanzi, *a tenur* tal-Artikolu 20 tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara wkoll illi t-treggija lura tal-esponent fic-cirkostanzi hija wahda oppressiva u/ jew ingusta u konsegwentement tordna l-helsien mill-kustodja tal-esponent minnufih.

3. Taghti kull dikjarazzjoni u rimedju opportun iehor fic-cirkostanzi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Frar 2015.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali datata 20 ta' Frar 2015 (fol 12) fejn esponew :-

Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija li allegatament '*fil-kors tas-smigh tal-appell interpost mill-esponent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Sebastiano Brunno [App. Nru. 494/2014] gie lez id-dritt tieghu ghall-smigh xieraq kif sanciti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u taghti rimedju ghal tali lezjoni'* kif ukoll li f'kaz li r-rikorrenti '*jigi estradit bla riserva ulterjuri huwa ser isofri*

*lezjoni tad-dritt tieghu kontra trattament inuman u degradanti kif sancit bl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk apparti kull rimedju iehor li thoss opportun fic-cirkostanzi, a tenur tal-Artikolu 20 tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara wkoll illi t-treggija lura tal-esponent fic-cirkostanzi hija wahda oppressiva u/jew ingusta u konsegwentement tordna l-helsien mill-kustodja tal-esponent minnufih'.*

Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1 Illi *in linea* preliminari fl-ambitu tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-prezenza unika tal-Avukat Generali kienet tkun bizzejjed biex jirrapprezenta lill-Gvern ta' Malta ghall-ghanijiet ta' dawn il-proceduri konvenzjonali/kostituzzjonali.

Meqjus li l-ilment essenzjalment jolqot is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u l-ezekuzzjoni ta' tali sentenza, allura l-legittimu kontradittur tar-rikorrenti f'dawn il-proceduri ma huwa hadd hlief l-Avukat Generali. Dan inkwantu skont gurisprudenza pacifika, huwa l-Avukat Generali li ghandu r-rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta f'kawzi kostituzzjonali meta xi hadd ikun qieghed jikkontesta decizjonijiet tal-Qrati.

Fi kwalunkwe kaz, ma jidhirx li r-rikorrenti qed jilmenta minn xi ghemil jew minn xi nuqqas tal-intimat l-iehor. Ghaldekk, f'dawn ic-cirkostanzi ma hemmx htiega ghalfejn l-intimat l-iehor, ghajr l-Avukat Generali, ghandu jkun parti

f'dawn il-proceduri. Jigi b'hekk li l-Ministru intimat ghandu jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju.

2. Illi *in linea* preliminari wkoll, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju *ai termini* tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (5) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) *stante* li mhux ghajr appell mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet '*Il-Pulizija vs Sebastiano Brunno'* (Appell Kriminali 494/2014). Kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrana, din il-Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' revizjoni u dan peress li m'hijiex il-funzjoni taghha li tiddeciedi jekk Qrati ohra ddecidewx il-kawzi sew jew le, izda biss jekk tali decizjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali tal-individwu.

3. Illi *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan peress li fil-kuntest tal-estradizzjoni ma tigix determinata l-ebda *criminal charge* in konfront tal-persuna koncernata.

**Ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

4. Illi l-kwistjoni li qed jillamenta minnha r-rikorrenti hija fis-sens illi ghalkemm huwa f'wiehed mill-aggravji tieghu invoka s-setgha tal-Qorti tal-Appell Kriminali skont dak li jipprovdi l-Artikolu 20 (b) tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta) u minkejja li fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell kriminali r-rikorrenti ghamel riferenza ghall-

Artikolu 41bis tal-Ligi numru 354 tal-1975 dwar it-trattament fil-habsijiet, il-Qorti tal-Appell Kriminali xorta wahda kkonfermat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti tat-28 ta' Novembru 2014 u li skont ir-rikorrenti bic-cahda tal-aggravju da parti tal-Qorti tal-Appell Kriminali gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif garantit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

5. Illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibdew biex jissottomettu li l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstema' minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi. L-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 imur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffriex ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalita' tieghu. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-process relattiv ghar-rikorrenti li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiggudika.

Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' ntralc ta' smigh xieraq liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gust.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-procedura in konfront tar-rikorrenti giet determinata minn 'qorti' u cioe' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk ir-rekwizit ta' 'qorti' li jimponi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta gie soddisfatt. Illi dwar ir-rekwiziti ta' 'tribunal' li ghalih jirreferi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni l-esponenti jissottometti wkoll illi dan ir-rekwizit huwa sodisfatt u f'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Le Compte, Van Leuven and Meyere** deciza fit-23 ta' Gunju 1981 fejn gie stabbilit illi '*… the use of the term "tribunal" is warranted only for an organ which satisfies a series of further requirements – independence of the executive and of the parties to the case, duration of its members' term of office, guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of article 6 (1) itself'.*

Illi l-fatt fih innifsu illi l-Qorti hija presjeduta minn Mhallef jew Magistrat, skont il-kaz partikolari, huma garanzija fiha nnfisha ta' indipendenza u imparzjalita'. In oltre, il-procedura nnifisha toffri garanziji estensivi biex jissalvagwardjaw lill-gudikant minn pressjonijiet esterni. Fil-kaz **Piersack** deciz fl-1 ta' Ottubru 1982 il-Qorti Ewropea osservat illi '*Whilst impartiality denotes absence of prejudice or bias, its existence or otherwise can, notably under Article 6 par. 1 of the Convention, be tested in various ways. A distinction can be drawn in this context between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction of a given judge in a given case, and an objective approach, that is determining*

*whether he offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect'.*

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat *in funditus* ir-raba' aggravju tar-rikorrenti izda ma qablitx ma' dak sottomess mill-istess rikorrenti anzi ghamlitha cara li l-argument tar-rikorrenti jwaqqa' t-tezi tieghu stess. Certament li l-Artikolu 20 (b) tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex intiz sabiex persuna tahrab mir-responsabbiltajiet taghha u dan meta mill-fatti ta' dan il-kaz irrizulta bic-car lill-Qorti tal-Appell Kriminali li r-rikorrenti kien harab mill-Italja espressament sabiex ma jiskontax il-piena nflitta mill-Qrati Taljani liema piena giet inflitta minhabba l-attrocitajiet li wettaq l-istess rikorrenti tant hu hekk li l-Qrati Taljani kkundannaw lir-rikorrenti ghal piena ta' ghomor habs.

Illi kienu dawn ic-cirkostanzi kollha fl-assjem taghhom li ma hallew l-ebda dubju fil-Qorti tal-Appell Kriminali li kien ser ikun ingust jew oppressiv li r-rikorrenti jigi mregga lura lejn l-Italja. Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ghaddiet in gudikat u r-rikorrenti ma jistax f'dan l-istadju jallega li gie lez id-dritt tas-smigh xieraq.

Illi kif intqal aktar 'il fuq, skont l-awturi Jacobs, White & Ovey fil-publikazzjoni taghhom **The European Convention on Human Rights** (sitt edizzjoni) '*Proceedings which take place after conviction and sentence have become final fall outside Article 6. Thus this provision does not cover an application by a convicted prisoner for release on probation or parole, or for a new trial, or for review of his sentence after the decision has become res judicata. Nor does Article 6 (1) apply on an*

*application for provisional release pending trial nor to proceedings following a decision that an applicant is unfit to plead a criminal charge'.*

Illi l-esponenti jirrilevaw ukoll li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet korretta meta ma qablitx mal-oppozizzjoni ghat-treggih lura tar-rikorrenti lejn l-Italja bbazata fuq l-Artikolu 20 tal-Kap. 276 minhabba dak li jirrigwarda l-Artikolu 41bis tal-ligi Taljana. Illi l-Artikolu 20 jipprovdi tliet ragunijiet li abbazi taghhom persuna tista' topponi quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex ma tigix imregga' lura u allegati kundizzjonijiet fil-habs tal-pajjiz li fih persuna tkun ser tigi mibghuta lura mhijiex wiehed mir-ragunijiet hekk elenkati.

Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

**Ebda ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

6. Illi l-kwistjonijiet li qed iqajjem ir-rikorrent taht dawn l-artikoli hija li allegatament l-awtoritajiet Taljani ghandhom is-setgha li galadarba r-rikorrenti jigi mregga' lura lejn l-Italja huwa jigi assoggettat ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 41bis tal-Kodici Penali Taljan u dan allegatament jesponi lir-rikorrenti ghal trattament inuman jew degradanti.

L-esponenti jissottomettu li dina l-lanjanza hija bbazata fuq kongettura tar-rikorrenti li ma ssibx suffragju fl-ebda dokument li jifforma parti mill-atti tal-estradizzjoni. Illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 41bis hija wahda eccezzjonali u

temporanja. Illi r-rikorrenti ma jispjegax kif fil-fehma tieghu l-Artikolu 41bis jilledi l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

L-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jipprovdu *threshold* gholja li trid tigi sodisfatta sabiex jigi konkluz li huwa ingust li persuna rikjesta minn awtorita' estera tigi rimandata fl-Istat rikjedent. Illi bir-rispett kollu, fir-rikors promotur, ghalkemm insibu hafna allegazzjonijiet ma nsibu xejn sostanzjali li b'xi mod jista' jissodisfa t-*threshold* rikjest minn dawn l-artikoli konvenzjonali u kostituzzjonali.

Illi kemm l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni kif ukoll l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jipprovdu li sabiex tista' tinstab vjolazzjoni ta' dawn l-artikoli, ir-rikorrenti jkun qed jiffaccja riskju rejali u mhux mera possibilita'. Illi fil-kawza fl-ismijiet **Vilvarajah and Others v. United Kingdom** (1991) il-Qorti Ewropea osservat illi '*the decision by a Contracting State to extradite a fugitive may give rise to an issue under Article 3, and hence engage the responsibility of that State under the Convention, where substantial grounds have been shown for believing that the person concerned, if extradited, faces a real risk of being subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment in the requesting country'.* Il-kaz ta' Vilvarajah kien jitratta kaz ta' persuni minn Sri Lanka li kienu jappartjenu lill-moviment Tamil u li kienu qed jallegaw riskju ta' trattament hazin in vjolazzjoni ta' l-Artikolu 3 da parti tal-Istat minhabba l-kunflitt li kien hemm bejn il-Gvern ta' Sri Lanka u t-Tamil *liberation movement*. F'dak il-kaz, l-applikanti kienu gew rifjutati stat ta' azil u gew ritornati lejn pajjizhom. Il-Qorti Ewropea ma

kinitx sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u dan peress illi s-sitwazzjoni fi Sri Lanka kienet tjiebet u r-riskju li kien fadal ma kienx kunsidrat li kien sufficjenti sabiex jistabbilixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

Illi fil-kawza **R v. Denmark** (1991), il-Kummissjoni wara li rriferiet ghall-rapporti maghmula minn *Amnesty International*, xorta wahda ikkonkludiet li ma kienx jikkostitwixxi trattament inuman li cittadin Iranjan jigi deportat lejn l-Iran fuq il-bazi tas-sitwazzjoni generali li kien hemm fil-pajjiz.

Illi minn dawn il-pronunzjamenti jinzel bic-car li r-rikorrent mhuwiex gustifikat fl-ilment tieghu. Il-habsijiet fl-Italja, bhal kull regim karcerarju iehor, jhaddnu sistema ta' protezzjoni kemm ghall-individwu *per se* kif ukoll ghall-kumplament tas-socjeta' in generali li fl-ahhar mill-ahhar huwa l-obbligu tal-Istat. Il-fatt li f'habs, kif huwa xieraq, ikun hemm sistema ta' sigurta' bl-ebda mod ma jfisser li persuna tigi assoggetta ghal trattament krudili jew inuman jew degradanti.

Illi r-rikors promotur huwa ntiz unikament sabiex jiddilunga l-process ta' estadrizzjoni u sabiex r-rikorrenti jkompli jevadi l-konsegwenzi tal-kondotta atorici tieghu li meta wiehed iqis dak li jipprovdi l-Artikolu 41bis tal-Kodici Penali Taljan jinzel bic-car li bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li dan il-provvediment jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Illi huwa sinifikanti li jinghad li l-Artikolu 41bis ma hux relatat mal-proceduri ta' estradizzjoni u dan *stante* li l-

awtoritajiet Taljani gja eskludew ir-reati li dwarhom jista' jigi mpost dan l-artikolu u dan anke kif iddikjaraw fil-proceduri ta' estradizzjoni meta il-Prokuratur Taljan quddiem il-Qrati Taljani eskludew l-applikabbilita' tal-aggravji dwar reati konnessi mal-kriminalita' organizzata kif ukoll peress li s-setgha tal-Ministru Taljan taht l-Artikolu 41bis tkopri fatti u kondotta li ssehh wara li jkun gie estradit u f'kaz li jkun il-prigunier li mill-komportament tieghu jaghti lok sabiex tigi ezercitata din is-setgha Ministerjali u dan fl-interess pubbliku u s-sigurta` tac-cittadini. Dan ifisser li jiddependi biss u esklussivament mill-komportament tar-rikorrenti jekk 'il quddiem jaghtix lok ghall-applikazzjoni ta' dan ir-regim eccezzjonali.

Illi anke f'kaz li l-Ministru Taljan tenut kont tal-imgieba tar-rikorrent jiddeciedi li ghandu japplika l-Artikolu 41bis mandanakollu l-prigunier ikollu d-dritt li jinterponi appell li minn tali decizjoni quddiem it-*Tribunale di Sorveglianza di Roma* skont dak li jipprovdi l-Artikolu 41bis (2) u dan fi zmien ghoxrin gurnata minn meta l-prigunier jigi notifikat bid-decizjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 41bis. Aktar minn hekk, id-decizjoni tat-Tribunal tista' tigi appellata quddiem il-*Corte di Cassazione* fi zmien ghaxart ijiem minn meta tigi komunikata d-decizjoni tat-Tribunal.

Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

8. Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti Sebastiano Brunno datata 29 ta’ Lulju 2015 a fol 58 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-Avukat Generali u tal-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali datata 22 ta’ Settembru 2015 a fol 78 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2015 meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Roberto Montalto. Dehru wkoll Dr Victoria Buttigieg u Dr Donatella Frendo Dimech ghall-Avukat Generali. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, li giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghat-3 ta' Dicembru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrent qed jitlob harsien u rimedju dwar allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, 'l quddiem imsejha 'Il-Kostituzzjoni' u l**-artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, '**l quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**", fil-kors tas-smigh tal-appell tieghu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proceduri fl-ismijiet *Il-Pulizija v Sebastiano Brunno (App.Nru. 494/2014).* Inoltre jghid li jekk jigi estradit bla riserva d-drittijiet tieghu kif sanciti bl-**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni** jigu lezi**.**

Illi l-intimati opponew ghat-talbiet b' diversi eccezzjonijiet, procedurali u sostantivi, u cioe', li l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri ghandu jkun l-Avukat Generali; li r-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju; li l-artikoli 39 u 6 ma japplikawx ghall-proceduri ta' estradizzjoni; u fil-mertu li ma hemm l-ebda ksur ta' l-artikoli ccitati.

**Fatti**

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Fit-13 ta' Ottubru 2014[1] giet emessa Awtorita' ghall-Procediment mill-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali Malti minn fejn jirrizulta li l-Gvern tar-Repubblika tal-Italja ghamel talba sabiex Sebastiano Brunno jitregga' lura lejn il-pajjiz. Brunno kien gie misjub hati[2] talli bejn April u Settembru 1992 b'diversi atti ikkommetta delitti ta' omicidju volontarju, komplicita' f'tentattiv ta' omicidju aggravat  kif ukoll garr u pussess illegali t'armi splussivi. Hu pacifiku li kien mahrub kontra l-ligi sabiex jevita l-gustizzja fil-pajjiz fejn wettaq id-delitti imsemmija.

Illi b'sentenza moghtija fit-28 ta' Novembru 2014[3] il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti iddecidiet billi ordnat li  Sebastiano Brunno jiġi imqiegħed taħt kustodja sabiex jiġi mreġġa' lura lejn ir-Repubblika tal-Italja biss u limitatament sabiex jiskonta l-piena ta' priġunerija għal għomru flimkien mal-iżolament bi nhar għal perjodu ta' sitt xhur u dan wara li kien ġie kkundannat għall-omiċidju ta' Agnello Nicolo (b'esklużjoni t'aggravanti skont l-Artikolu 7

[1] Fol 199 tal-atti esebiti f'dan il-process.
[2] Sentenza emessa mill-Corte d'Assise d'Appello di Catania fil-5 ta' Jannar 2008.
[3] Esebit a fol 270 fil-process tal-atti ta' estradizzjoni.

tal-Liġi numru 203 tat-12 ta’ Lulju 1991 fir-rigward tal-omiċidju volontarju) u l-pussess t’armi tan-nar liema reati seħħew f’Lentini nhar il-11 t’April 1992.

Ta' rilevanza huma l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq eccezzjoni sollevata mid-difiza fis-sens li *″mhux minnu li l-esklużjoni tal-Artikolu 7 tal-Liġi numru 203 tat-12 ta’ Lulju 1991 teskludi “lo stampo Mafioso del reato” iżda jeskludi biss ir-reat t’associazione mafiosa".* Fis-sentenza taghha ddisponiet minn din l-eccezzjoni hekk:-

*"Din il-Qorti wara li rat l-istess Artikolu tikkonkludi li dan l-Artikolu huwa maħsub li joħloq kwalifiki fil-piena eroganda u li huma intiżi li jiġu applikati fil-kuntest ta’ reati li jinvolvu kriminalita' organizzata kif ukoll biex tassikura trasparenza fl-amministrazzjoni tal-Ġustizzja f’każijiet ta’ kriminalita organizzata. F’dan il-każ il-fatt li din il-kwalifika ġiet eskluża għar-rigward tal-estradant tfisser li huwa ma kienx soġġett għall-istess kwalifika fil-piena li huwa ingħata għall-ħtija fil-każ tal-omiċidju Agnello. Dan ifisser li huwa għalhekk jista' jibbenefika minn kundizzjoni ta’ piena aħjar minn dak li kien oriġinarjament kontestat lilu qabel ma tali kwalifika ġiet eskluża lilu.Biss din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li dak li l-esklużjoni ta’ din il-kwalifika kienet sempliċiment esklużjoni tar-reat t’ “associazione mafiosa” kif eċċepit mid-Difiża u b’hekk din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta."*

Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza u fost l-aggravji li qajjem kien hemm ir-raba' aggravju li jifforma l-mertu tal-ewwel lanjanza kostituzzjonali u konvenzjonali tallum. Il-

Qorti ser tipproduci l-aggravju kif redatt <u>fir-rikors tal-appell</u>[4] billi huwa dan ir-rikors li l-istess Qorti tal-Appell Kriminali kellha quddiemha. Dan l-aggravju jghid hekk:

*"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz jidher illi minhabba z-zmien li ghadda minn meta saru r-reat/i gewwa l-Italja fl-1992 u cioe' aktar minn 24 sena ilu, kif tenut[5] kont partikolari tar-regim karcerarju inuman u degradanti li ghalih jista' jigi assogettat l-appellant, ikun ingust u/jew oppressiv illi l-appellant jigi mregga lura kif mitlub u dan kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni orali ta' dan l-appell. Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha a tenur tal-artikolu 20(b) tal-Kapitolu 276 tuza s-setghat lilha moghtija u tordna l-helsien mill-kustodja tal-esponent. L-esponent qieghed sa minn issa jirriserva li jiehu kull procedura ta' natura kostituzzjonali u/jew konvenzjonali f' dawn ir-rigward jekk u meta jkun mehtieg."*

B'sentenza taghha tas-26 ta' Jannar 2015, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddisponiet minn dan aggravju hekk:

*"Illi r-raba' aggravju jirrigwarda t-trapass ta' zmien minn meta sehh ir-reat u cioe' fis-sena 1992 sa meta giet reza rrevokabbli s-sentenza fil-5 ta' Marzu 2009. Frankament, din il-Qorti ma tistax tifhem l-argumenti mressqa mid-difiza meta l-kawza ta' dan id-dewmien kien l-estradant stess li utilizza l-mezzi kollha a dispozizzjoni tieghu biex jiehu vantagg, kif del resto kien intitolat li jaghmel, mill-opportunita' ta' diversi appelli. Ghalhekk, ma jistax igib dan*

---

[4] esebit a fol 286 *et sequitur* tal-atti ta' estradizzjoni.

[5] Hawnhekk il-Qorti tirravisa li l-enfasi muri fir-rikors odjern fil-kliem "*kif tenut*" sa '*oppressiv*' hija assenti fir-rikors tal-appell intavolat quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali.

*l-argument a favur tieghu. Minbarra dan, ex admissis, l-estradant telaq mill-Italja biex jevita li jiskonta l-piena nflitta mill-Qrati Taljani. Meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha ta' dan il-kaz ma jista' qatt jirrizulta li jkun ingust jew oppressiv li jigi mregga' lura lejn l-Italja biex jiskonta l-piena tieghu. Ghalhekk, dan l-aggravvju wkoll ma jistax jirnexxi."*

**Provi Prodotti**

Ir-rikorrent ipproduca bhala xhud lill-**Avukat Francesco Passanisi** li huwa difensur tieghu fl-Italja. L-Avukat Passanisi xehed *viva voce*[6] fejn ikkonferma ukoll dokument minnu redatt (**Dok.FP)** fejn spjega fil-fehma tieghu l-artikolu 41*bis* tal-*Ordinamento Pentitenziario Italiano (L,26/7/1975 No.354).* Din in-normativa fi kliem ix-xhud:

*"stabilisce che: i colloqui con i familiari conviventi avvengano solo una volta al mese ed attraverso un vetro divisorio;limitazione della somme di denaro che i familiari possono inviare al condannato; limitazione dei pacchi contenenti generi alimentari o vestiario (due volte al mese di peso non superiore ai dieci chili) ; censura della posta in partenza ed in arrivo; video registrazione dei colloqui coi familiari;permanenza fuori della cella di detenzione solo per un'ora e con gruppi di persone non superiori a quattro;partecipazione alle udienze in video-conferenza con una palese limitazione del diritto di difesa."*

"*Infatti il reato di omicidio volontario aggravato dalla finalita' mafiosa, per cui Brunno e' stato condannato all'ergastolo, rientra tra i reati per cui e' prevista l'applicabilita' del regime detentivo previsto dall'art.41bis,O.P."*

[6] Seduta tat-12 ta' Mejju 2015

Spjega l-iskop ta' dan l-artiklu "*Una volta provata l'appartenenza (f'assocjazzjoni mafjusa) e' dato per scontato che qualore il detenuto abbia un regime comune di detenzione comune abbia la possibilita' di mettersi in contatto con altri detenuti e quindi con la organizzazzione mafiosa di provenienza all esterno.Quello che il decreto vuole impedire e prioprio questo, e` cioe ' l'interruzione dei contatti del detenuto che e' stato accertato essere appartenente all'associazione mafiosa con l'associazione di provenienza."*

Zied li  l-Qorti Kostituzzjonali Taljana ppronunzjat ruhha favur il-legittimita' ta dan l-artikolu ghalkemm kienet ordnat li jsiru diversi emmendi, inkluz li abrogat dik il parti tad-dispozizzjoni li kienet tirrestringi l-hin tal-konsulta bejn l-avukat u l-assitit tieghu ghal mhux izjed  minn tlett sighat.

Huwa sinifikattiv dak li ppreciza meta qal "*ove la Corte Costituzionale ha trovato una lesione della Costituzione ha ordinato un amenda del art.41bis."*

Xehed izda li l-fatt li l-*associazione mafiosa* hija eskluza mir-rikjesta ghall-estradizzjoni mhix ta' tfixxkil ghall-applikazzjoni tal-artikolu 41bis. O.P. li jipprevedi serje shih ta' reati li jiggustifikaw l-applikabbilita' tieghu.

Madanakollu meta gie pressat in kontro-ezami riferibbilment ghall-kaz specifiku tallum, qal "*Infatti Signora Giudice volevo precisare per dire che non e una certezza*

*la mia: ci tenevo a precisarlo"*[7] u dan b'riferenza ghall-allegazzjoni tieghu li l-prokuratur Taljan kien ser jfittex l-applikazzjoni ta' din in-norma kontra r-rikorrent.

F'Dokument emmess mill-Ministeru tal-Gustizzja tal-Italja konsistenti fi spjegazzjoni tal-artikolu 41*bis O.P.* mill-*Procura Generale della Repubblica*, Catania[8] hemm dikjarat hekk:

"*We inform you that Brunno, in Italy, could in theory be subjected to the prison regime governed by Article 41bis of the Prison Regulations(Ordinamento Penitenziario).In practice, as provided in para.2 of art.41-bis this will depend on whether the Minister of Justice , based on information received from the National Anti-mafia Directorate and the District Anti-mafia Directorate, will deem that there are well founded and serious public order and security considerations for asking that the regime be enforced.*

*Should Brunno Sebastiano be placed under the prison regime provided by Article 41-bis of the Prison Regulations, we assure you the said regime does not entail any inhuman treatment and that the limitations imposed do not violate the rights of the European Convention on Human Rights. " (sottolinear tal-Qorti).*

[7] Fol 34 *a tergo* tat-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu.
[8] Esebit a fol.43-57 tal-process

*Please be informed that, pursuant to Article 41-bis,para 2-quinquies, <u>the reasoned decree</u> by which the Minister of Justice enforces or extends the special regime provided for in paragraph 2 of Article 41bis can be **challenged** by the prisoner and his defense council within twenty days of being notified with the measurem by submitting a complaint before the Court Supervising the Enforcement of Sentences (Tribunale di Sorveglianza) in Rome.*

*The decision of the said court **can be appealed before the Court of Cassation** within ten days of notification to the parties.*

*(enfasi fid-dokument).*

*Therefore the law provides for legal remedies against the decree of the Minister of Justice ordering to enforce the special regime under Article 41-bis and both BRUNNO Sebastiano and his defense may use them to challenge the existence of the legal grounds for enforcing the said special regime."*

Dan kollu premess il-Qorti ser tittratta t-talbiet u l-eccezzjonijiet sollevati.

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari</u>**

Din l-eccezzjoni hija fis-sens li galadarba l-ilment essenzjalment jolqot sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, allura huwa l-Avukat Generali wahdu li ghandu jigi ccitat f'dawn il-proceduri .

Illi l-kwistjoni quddiem din il-Qorti mhix jekk l-Avukat Generali huwa ccitat tajjeb f'dawn il-proceduri - dwar dan ma hemm l-ebda ekwivoku. Il-kwistjoni tirreferi ghall-legittimazzjoni passiva tal-Ministru tal-Intern.

Il-mistoqsija li trid issir hija jekk il-kawza odjerna tirrigwarda l-funzjoni tal-Ministru. L-abbli difensur tar-rikorrent iccita mis-sentenza in *re* ***Joseph Abela v Onor.Prim Ministru et.***[9] fejn il-Qorti fissret it-tlett kategoriji li fihom jinqassmu l-legittimi kontraditturi f'kawzi kostituzzjonali, u cioe`:

*"F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradituri ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."*

[9] Qorti Kost. 7 ta' Diċembru 1990.

Ir-rikorrent issottometta li l-Ministru ghandu jitqies li jaqa' fl-ewwel kategorija imsemmija. Kontrarjament ghal dak sottomess mill-Avukat Generali, din il-kawza mhix imsejsa semplicement fuq l-att jew ommissjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, imma anke fuq allegat lezjoni tal-artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament.

Il-proceduri ghall-estradizzjoni tressqu fit-termini tal-Att Dwar l-Estradizzjoni (**Kap 276 tal-Ligijiet ta' Malta**) u mhux bhala proċedura ta' eżekuzzjoni ta' Mandat t'Arrest Ewropew. Ir-rwol tal-Eżekuttiv u b'mod partikolari tal-Ministru tal-Ġustizzja f'dawn il-proċeduri johrog mill-Att. Difatti l-artikolu 21 tal-Att jaghti diskrezzjoni lill-Ministru meta persuna ma tkunx giet liberata b'ordni tal-Qorti tal-Appell Kriminali jew ta' din il-Qorti. Il-Ministru "*jista' b'mandat jordna li tiġi mreġġa' lura lill-pajjiż li għamel it-talba kemm-il darba t-treġġigħ lura ta' dik il-persuna ma jkunx projbit, jew projbit għal dak iż-żmien, bl-artikolu 10 jew bl-artikolu 12, jew il-Ministru jiddeċiedi skont dan l-artikolu jew skont l-artikolu <u>11 li ma jagħmel ebda ordni bħal dak fil-każ tagħha.</u>*" (sottolinear tal-Qorti).

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ser tichad din l-eccezzjoni.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni Preliminari</u>**

L-intimati jissottomettu li r-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju *stante* li mhu xejn ghajr appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar 2015 .

Dwar dan il-punt, l-intimati ghandhom ragun meta jghidu li mhuwiex il-funzjoni ta' din il-Qorti li tirrevedi d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Madanakollu tirrientra fil-funzjoni tal-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li tevalwa jekk fil-kaz partikolari, gew lezi d-drittijiet tieghu ghas-smigh xieraq u ghall-protezzjoni kontra trattament inuman u degradanti.

Illi l-ilment tar-rikorrent jikkonsisti filli l-Qorti tal-Appell Kriminali injorat ghal kollox l-argument vitali li t-trapass taz-zmien mis-sentenza penali abbinat mar-regim karcerarju li x'aktarx ser jigi impost fuqu, liema regim huwa, skont ir-rikorrent, wiehed inuman u degradanti, kellu jitqies oppressiv u/jew ingust li jigi estradit.

Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-lanjanzi imqanqla mir-rikorrent mhumiex semplicement frivoli u/jew vessatorji; jigifieri *prima facie*, m'ghandhomx jitqiesu ta’ ebda pregju jew valur, vani, nieqsa mis-serjetà, manifestament nieqsa mis-sens li ma jisthoqqilhomx attenzjoni, u/jew, li gew sollevati minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li jdejqu u jirritaw lill-kontroparti. (Ara ad ez ***Alan Mifsud v Avukat Generali*** (Q.K. dec. fl-20 ta' Novembru 1990); **Il-Pulizija v Noel Arrigo et.** (Q.K.29.10.2003).

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**It-Tielet Eccezzjoni Preliminari**

L-intimati eccipew l-inapplikabbilita' tal-**Artiklu 39** tal-Kostituzzjoni u tal-**Artikolu 6** tal-Konvenzjoni u jissottomettu li fil-kuntest ta' proceduri ghall-estradizzjoni

ma jigix determinat "*akkuza kriminali*" *(criminal charge)* fil-konfront ta' persuna akkuzata.

**Art.39 tal-Kostituzzjoni u L-Art. 6 tal-Konvenzjoni**

Ghal dak li hu rilevanti ghal din l-eccezzjoni, l-artikolu 39 jiddisponi li: "(1) *Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... .*

Filwaqt li skont l-**art. 6 tal-Konvenzjoni** :

*" (1) Fid-deċizjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi zmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluz mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorozament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita' tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

Id-difensuri tal-kontendenti ma jaqblux dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lit-terminu "*akkuza kriminali*" *ossia " criminal charge."* F'dan il-kuntest saret referenza mill-intimati ghas-sentenza l-aktar recenti ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **Philip Mifsud v Avukat Generali (**Rik.Kostituzzjonali 55/2014 AE- mhux

appellata) fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-giurisprudenza tal-Qorti ta' Strassbourg u osservat hekk:

*"Hemm gurisprudenza li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax ghall-proceduri ta' estradizzjoni (ara per ezempju **H v Spain**, App. 10227/82; E.G.M. v Luxembourg, App.24015/94; **Salgado v Spain**, App. 65965/01; u **Kirkwood v United Kingdom**, App. 10479/83 decizi mill-Kummissjoni). Hemm ukoll il-kaz ta' **Mondero Angora v Spain** (App. 41138/05) li b'decizjoni tas-7 ta' Ottubru 2008 gie ddikjarat inammissibbli. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani qalet:*

*"the extradition procedure does not involve the determination of the applicant's civil rights and obligations or of a criminal charge against him within the meaning of Article 6 of the Convention (see Penafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002)".*

Madanakollu l-Qorti f'din is-sentenza ma ppronunzjatx ruhha fuq l-eccezzjoni sollevata u kkonsidrat it-talba fil-mertu.

Illi r-rikorrent, da parti tieghu, jakkampa fuq is-sentenzi tal-Qrati taghna fil-kawza fl-ismijiet **Police v Raymond Gauci (**PA (Kost.) - 22 ta' Frar 2001);**Colin John Trundell v Onor. Ministru ta' l-Affarijiet Barranin et.** (Q.K. - 12 ta' April 1991-LXXV.197); u **Ronald Agius v Avukat Generali (Q.K. -**30 ta' Novembru 2001).

Kif gja premess, aktar recentement, il-Qorti taghna accennat ghall-giurisprudenza tal-Qorti Ewropea izda xorta

ghaddiet biex tikkonsidra l-ilment kostituzzjonali fil-mertu u kkonkludiet li ma kenitx tirrizulta l-lezjoni allegata.

Is-sitwazzjoni f'dak li jikkoncerna **l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni** hija cara. L-awturi **Harris O'Boyle & Warbrick** (Law of the European Convention on Human Rights (3rd.Ed.[10]) jeskludu kategoriment l-applikazzjoni tal-**artikolu 6** ghall-proceduri ta' estradizzjoni :

"*Finally extradition proceedings to face a criminal charge in another state are not subject to **Article 6**[11]**.** Nor is the transfer of a convicted prisoner abroad[12]or the execution of a European Arrest Warrant."*[13]

Din hija l-posizzjoni inekwivokalment ippronunzjata mill-Qorti Ewropea fi skorta ta' sentenzi fuq citati. Hekk fil-kaz **Mamatkulov & Askarov v Turkey,** irriteniet :

*"1. The Court reiterates that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention (see Maaouia v. France [GC], no. 39652/98, § 40, ECHR 2000-X; Penafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002; and Sardinas Albo v. Italy (dec.), no. 56271/00, ECHR 2004-I).*

*2. Consequently, Article 6 § 1 of the Convention is not applicable in the instant case."*

[10] p.373
[11] **Mamatkulov & Askarov v Turkey 2005-I;41 EHRR 494 GC**
[12] **Szabo v Sweden NO. 28578/03 hudoc (2006) DA**
[13] **Monedro Angora v Spain No 41138/05 hudoc(2008)DA.**

Interessanti *d-dissenting opinion* parzjali ta' *inter alia,* l-Imhallef Giovanni Bonello u ohrajn fil-kaz ta' **Mamatkulov et.**[14] fejn, b'riferenza ghall-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jghidu hekk: "*While the Court has not to date found that the expulsion or extradition of an individual violated, or would, if carried out, violate article 6 of the Convention, it has on frequent occasions held that such a possibility cannot be excluded where the person being expelled has suffered or risks suffering a flagrant denial of a fair trial in the receiving country (see, for example, Soering, cited above, p. 45, § 113; Drozd and Janousek v. France and Spain, judgment of 26 June 1992, Series A no. 240, pp. 34-35, § 110; Einhorn v. France (dec.), no. 71555/01, § 32, ECHR 2001-XI; Razaghi v. Sweden (dec.), no. 64599/01, 11 March 2003; and Tomic v. the United Kingdom (dec.), no. 17837/03, 14 October 2003). .....In our view, what the word "flagrant" is intended to convey is a breach of the principles of fair trial guaranteed by Article 6 which is so fundamental as to amount to a nullification, or destruction of the very essence, of the right guaranteed by that Article.*"

Din l-opinjoni ma tohloqx eccezzjoni ghall-inapplikabbilita' tal-artikolu 6 ghall-proceduri inkorsi fil-pajjiz rimandanti salv li huwa l-obbligu tal-pajjiz rimandanti li jaccerta li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tkun rispettata fil-pajjiz tar-ritorn.

Il-posizzjoni tal-intimati hija cara u tikkonsisti filli l-proceduri ta' estradizzjoni ma jikkoncernaw l-ebda determinazzjoni ta' akkuza u ghalhekk huma eskluzi mill-ambitu tal-artikolu 39 (u tal-artikolu 6) u li s-sentenzi ccitati

[14] Para 14 tal-opinjoni.

mir-rikorrenti ddipartixxu mill-gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea.

Ir-rizoluzzjoni ta' dan il-konflitt apparenti gie spjegat mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ewwel sentenza **Colin John Trundell v On. Ministru ta' l-Affarijiet Barranin (**12.4.1991) b'riferenza ghall-artikolu 16 tal-Kap.276 li tobbliga lill-Qorti rimandanti biex tgharraf lill-persuna li ser tinbaghat (hekk kif ghamlet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) f'dan il-kaz), mhux biss li tista' tappella lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, imma li dik il-persuna ghandha l-jedd li titlob rimedju **skont id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni** f'kaz li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta tkun giet jew x'aktarx tkun ser tigi miksura. B'emmenda sussegwent, giet mizjuda r-riferenza ghall-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319).

Din kienet it-tezi abbraccjata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Ronald Agius v AG** gja citata, fejn il-Qorti osservat li l-ligi specjali (Kap 276) tipprovdi ghall-verifika gudizzjarja tat-talba ghall-estradizzjoni u kkonkludiet li "*l-persuna li kontra taghha qed tintalab l-estradizzjoni tgawdi mill-protezzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali ghal smigh xieraq fil-kors tal-proceduri <u>li ghaliha hi kienet skont il-ligi intitolata</u>*" (sottolinear tal-Q.K.)

F'din l-ahhar sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali kkonsidrat, inoltre li:

"*Din il-Qorti taghmel rikjam ghal dak li kkunsidrat fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Satariano vs Avukat Generali et**" minnha deciza fit-28 ta' Novembru*

*1997 fejn irriteniet 'Infatti din il-Qorti, minghajr ebda ezitazzjoni ta' xejn, filwaqt illi hija ben konxja illi l-kuncett ta' estradizzjoni storikament kien essenzjalment process ezekuttiv u mhux wiehed gudizzjarju u f'certu sens kien espressjoni ta' 'act of state', cioe' espressjoni ta' sovranita' ta' Stat li lilu ssir talba ghal estradizzjoni, maz-zmien intlibbes vesti mista ta' ezekuttiv u gjudizzjarju flimkien, fis-sens illi llum, prattikament hija l-prattika universali, del resto inkorporata fil-Kostituzzjoni taghna illi ghandu jkun hemm dejjem proceduri gudizzjarji stabbiliti 'ad hoc' illi ghandhom jigu segwiti bhala l-process ordinarju biex tigi akkordata talba ghal estradizzjoni minn Stat iehor. …….. Illum huwa inkoncepibbli, anki ghax il-Kostituzzjoni tipprojbih, illi jkun hemm estradizzjoni deciza mill-Istat minghajr il-process gudizzjarju li ghandu jistabbilixxi qabel kollox li jokkorru l-elementi kostituttivi tal-ligi li jiggustifikaw li ssir l-estradizzjoni.Il-persuna li kontra taghha jintalab il-hrug ta' ordni ta' estradizzjoni kellha allura d-dritt sostantiv illi tuzufruwixxi u tghaddi minn dawn il-proceduri gudizzjarji. Proceduri gudizzjarji li certament kellhom jizvolgu fir-rispett shih ta' garanzija kostituzzjonali u konvenzjonali fir-rigward ta' smigh xieraq. "*

Illi din il-Qorti frankament ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrenti u mal-linja hawn imfissra, ghaliex diment li l-legislatur ma jiddistingwixxix b'mod car u espress li qed iwarrab it-tifsira tal-kliem testwali u inekwivocifil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni, ma tistax tikkonkludi li l-artikolu 16 ghandu jigi kostruwit fis-sens li dawn l-artikoli (39 u 6) jistghu japplikaw fejn m'ghandhomx, u sahansitra kontra s-sens u t-tifsira ordinarja tal-kliem testwali taghhom.

Difatti dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata.[15] Il-proceduri ghall-estradizzjoni ta' persuna lejn pajjiz iehor ma jaqawx f'din il-kategorija.

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi **milqugha** billi hi tal-fehma li l**-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni** ma japplikawx ghall-proceduri ta' estradizzjoni.

Illi b'accenn lejn il-giurisprudenza ccitata mir-rikorrent, ikkonsidrat li anke li kieku kellha taghmel l-apprezzament taghha fuq il-mertu tal-ewwel talba tar-rikorrent xorta ssib li ma kienx hemm lezjoni tal-jedd tieghu ghas-smigh xieraq ghar-ragunijiet li ser jigu issa mfissra.

Ikkonsidrat li d-drittijiet fundamentali sanciti b'dawn l-artikoli jinvolvu fl-ewwel lok li fi proceduri kriminali ghandu jkun hemm smigh xieraq, imparzjali u pubbliku quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqfin b'ligi u li huma accessibbli ghall-akkuzat. Fit-tieni lok tinghata protezzjoni lill-investigat jew l-imputat akkuzat b'reati kriminali u cioè li huwa ghandu jigi meqjus li hu innocenti sakemm jigi pruvat li huwa hati u garanziji ohra hemm sanciti.

---

[15] Ara P.A. (Kost.) 17.1.2002 fil-kawża fl-ismijiet Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et u Kost. 16.10.2002 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et

Ir-rikorrent qed jilmenta li d-dritt tieghu gie vvjolat fil-kors ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Huwa car li r-rikorrent odjern interpona appell lill-Qorti Kriminali fit-termini tal-**artikolu 20(b) tal-Kap.276.**

Dan l-artikolu jiddisponi li:

*"**20.** Fuq appell magħmul lill-Qorti tal-Appell Kriminali jew fuq rikors għal rimedju lill-Qorti Kostituzzjonali taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kull waħda mill-imsemmija qrati tista', bla ħsara għal kull ġurisdizzjoni oħra, tordna li l-persuna mibgħuta taħt kustodja tiġi meħlusa mill-kustodja jekk fil-fehma ta' dik il-qorti -*

*(a) minħabba n-natura trivjali tar-reat li bih hija akkużata jew ġiet misjuba ħatja; jew*
*(b) minħabba ż-żmien li jkun għadda minn meta jingħad li għamlet ir-reat jew li saret ħielsa kontra l-liġi, skont il-każ; jew*
*(ċ) minħabba li l-akkuża miġjuba kontriha mhix magħmula in bona fide fl-interess tal-ġustizzja,*

*ikun, meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha, inġust jew oppressiv li tiġi mreġġa' lura."*

Ir-rikorrent jillanja li minkejja li ressaq l-argument vitali ghalih li kien ser jigi espost ghar-riskju ta' trattament inuman u degradanti f'kaz li jitregga' lura lejn l-Italja, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, l-istess Qorti, fis-sentenza taghha, lanqas biss accennat ghal dan il-punt, anzi injoratu ghal kollox. Wiehed ma jridx jinsa li d-disposizzjoni (art.20) fuq citata tirraprezenta poter specjali

li huwa rimess biss u esklussivament lill-Qorti tal-Appell kif ukoll lil din il-Qorti billi mhuwiex permess li dawn l-aggravji jigu sollevati quddiem l-ewwel Qorti rimandanti.

Illi ma hemmx kontestazzjoni li l-jedd ghas-smigh xieraq ghandu jigi apprezzat fil-kuntest tal-proceduri *taken as a whole.*

Kif jghidu l-awturi **Van Dijk u Van Hoof**[16] "*What counts is the picture which the proceedings as a whole present, although certain aspects 'per se' may already conflict with the principle of fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of the proceedings, e.g. the way in which evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz recenti fl-ismijiet *"**Darren Aquilina v On.Prim Ministru et"** (Q.K. 31.5.2013*) fejn sabet*: "Illi hu principju assodat kemm fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, kif ukoll f'dik patria, li d-determinazzjoni tal-ezistenza o meno ta' lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq jinnecessita` ezami tal-procedura gudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita` taghha."*[17]

Illi l-Qorti ezaminat l-atti tal-proceduri tal-Qorti tal-Appell Kriminali esebiti fl-atti odjerni, minn fejn jirrizulta li r-rikorrent kien ittratta ampjament l-implikazzjonijiet tal-

[16] Op.cit. p.428-429
[17] Q. Kos. "***Victor Lanzon v. Kummissarju tal-Pulizija***" deciza 29 ta' Novembru 2004

art.41bis fil-kwadru tal-allegata ingustizzja jew oppressivita' ta' dan ir-regim karcerarju. Minn qari tat-traskrizzjoni tat-trattazzjoni finali jirrizulta li l-Imhallef sedenti kien attent ghas-sottomissjonijiet orali tad-difensur tar-rikorrent u li anke intervjena verbalment biex jiccara xi punti .

Huwa minnu li l-Qorti ghandha timmotiva s-sentenza taghha b'*reasoned judgment.* Dan hu principju tal-ligi ordinarja taghna, senjatament l-**artikolu 218 tal-Kap.12.** Madanakollu mhuwiex necessarju li l-Qorti tiddetermina kull punt jew argument sollevat izda argument li hu determinanti ghall-kaz "*it may require a 'specific and express reply' by the court in its judgment although an 'implied rejection' may be sufficient if clear."*[18]

Illi fil-kaz **Garcia Ruiz v Spain,**[19] il-Qorti Ewropea irriteniet li:

"26*. The Court reiterates that, according to its established case-law reflecting a principle linked to the proper administration of justice, judgments of courts and tribunals should adequately state the reasons on which they are based. The extent to which this duty to give reasons applies may vary according to the nature of the decision and must be determined in the light of the circumstances of the case (see the* ***Ruiz Torija v. Spain and Hiro Balani v. Spain j****udgments of 9 December 1994, Series A nos. 303-A and 303-B, p. 12, § 29, and pp. 29-30, § 27; and the* ***Higgins and Others v. France*** *judgment of 19 February*

[18] **Harris O'Boyle & Warwick, op.cit. pg 430** b'riferenza ghas-sentenzi tal-QE fil-kazijiet **Ruis Torija v Spain A, 303-A (1994);19 EHRR 553 para 30, CI Hiro Balani v Spain A 303-B(1994) 19 EHRR 566m para 23. Ara ukoll Van de Hurk v Netherlands (ECHR - 19 ta' April 1994).**

[19] **Application no. 30544/96- dec 21 ta' Jannar 1999**

*1998, Reports of Judgments and Decisions 1998-I, p. 60, § 42). Although Article 6 § 1 obliges courts to give reasons for their decisions, it cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument (see the **Van de Hurk v. The Netherlands** judgment of 19 April 1994, Series A no. 288, p. 20, § 61)."* Inoltre kif gie ribadit mill-istess Qorti fil-kaz ccitat **Van de Hurk v The Netherlands:**

"59. *The effect of Article 6 para. 1 (art. 6-1) is, inter alia, to place the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision (see the **Kraska v. Switzerland** judgment of 19 April 1993, Series A no. 254-B, p. 49, para. 30). It has to be determined whether this condition was satisfied in the instant case."*

Fil-kaz odjern, l-aggravju kellu bilfors jigi sollevat quddiem il-Qorti tat-tieni istanza skont l-artikolu 20 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni. Madanakollu, il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent li kien hemm *a grave denial of justice* quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u dan ghaliex il-verifika gudizzjarja dwar allegat ingustizzja u l-oppressivita' tal-estradizzjoni hija marbuta mac-cirkostanza tat-trapass taz-zmien. B'hekk hemm zewg elementi li r-rikorrent appellant kellu jissoddisfa sabiex jirnexxi fl-appell tieghu skont l-artikolu 20 (b) cioe`, it-trapass taz-zmien marbut mal-konsiderazzjoni li meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha, inġust jew oppressiv li jiġi mreġġa' lura. Dawn huma kumulattivi.

Illi fis-sentenza lanjata, huwa car li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma sabet l-ebda siwi fl-argument tar-rikorrent

dwar it-trapass taz-zmien ghar-ragunijiet hemm spjegati u ma laqghetx l-aggravju in kwistjoni. Ma kienx hemm il-htiega li tikkonsidra espressament l-argument ippernjat fuq l-artikolu 41-bis ghaliex kien gja naqas wiehed mill-elementi previsti mill-artikolu 20(b). Inoltre l-istess Qorti tal-Appell ma akkoljitx ir-raba' aggravju *stante* li "*Meta wiehed <u>jikkonsidra l-fatti kollha ta' dan il-kaz</u> ma jista' qatt jirrizulta li jkun ingust jew oppressiv li jigi mregga' lura lejn l-Italja biex jiskonta l-piena tieghu. Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll ma jistax jirnexxi." (*sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghaldaqstant, anke f'kaz li din il-Qorti kellha tilqa' it-tezi li proceduri ta' estradizzjoni jaqghu fl-ambitu tal-artikoli Kostituzzjonali u/jew Konvenzjonali dwar is-smigh xieraq, tqis li r-ragunijiet ghac-cahda moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali kienu ezawrijenti fil-kuntest tal-procedura specjali stabbilita bl-artikolu 20(b) tal-Kap 276, u ghalhekk ma tirrizultax li kien hemm tali lezjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-ewwel talba ser tigi michuda in kwantu infondata fil-fatt u fid-dritt.**

**<u>Protezzjoni minn Trattament Inuman u Degradanti - Allegat Ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.</u>**

Illi l-**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi li hadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.

Skont l-**Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea** "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.*"

Ikkonsidrat li l-artikolu 3 (u dan japplika wkoll ghall-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni) huwa wiehed mid-drittijiet l-aktar fondamentali protetti mill-Konvenzjoni flimkien mad-dritt ghall-hajja. Id-dritt huwa wiehed assolut u jimponi wkoll obbligazzjonijiet posittivi kemm sostantivi kif ukoll procedurali fuq l-Istat li jipprevjeni li tali lezjoni ssir u li jinvestiga minghajr dewmien kull kaz fejn dan isehh. Fl-ambitu tal-proceduri ghall-estradizzjoni ta' persuna, ma hemmx dubbju li huwa obbligu li jinkombi fuq l-Istat u fuq l-organi gudizzjarji tieghu biex jaccerta li persuna li tigi estradata (jew deportata, jew trasferita) ma tkunx esposta ghar-riskju reali ta' tortura jew ta' trattament inuman u degradanti u jassiguraw li l-persuna estradita mhiex fir-riskju ta' tali sofferenza.

Ghalhekk huwa pacifiku li proceduri ghall-estradizzjoni jistghu iqajmu konsiderazzjonijiet ta' trattament inuman u degradanti f'kaz li li tigi ordnata l-estradizzjoni.(**Cruz Varas and others v Sweden - (**App.No. 15576/89 **-** 20 ta' Marzu 1989).

Dawn l-artikoli jitkellmu mhux biss dwar trattament inuman jew degradanti izda wkoll dwar piena inumana jew degradanti.

Il-kaz odjern jittratta dwar ir-regim specjali karcerarju kkontemplat b'artikolu tal-Ligi Taljana - l-*articolo 41bis* tal-*Ordinanza Penitenziaria Italiana* li taffida lill-Ministru tal-

Gustizzja tal-Italja d-diskrezzjoni li jissospendi n-normi karcerarji ordinarjament applikabbli ghall-detenut fejn jokkorru gravi motivi "*di sicurezza pubblica, anche a richiesta del Ministro dell'Interno."(*41bis p.2) fosthom fejn il-karcerat ikun gie ikkundannat b'delitt b'konnessjoni ma' assocjazzjoni mafjuza, kif ukoll fejn jezistu l-elementi bizzejjed li juru li d-detenut ghadu qed izomm konnessjonijiet mal-Mafja.

Ikkonsidrat li biex jinsab li ikun hemm trattament inuman jeħtieġ li jkun hemm "*severe suffering*" kif ukoll ghandu jirrizulta li kien hemm "*a minimum level of severity*." Dan l-eżami huwa wieħed relattiv u jiddependi ovvjament miċ-ċirkustanzi kollha partikolari tal-kaz.

Illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni ġie interpretat hekk:- *"inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering" (Vide Reid "a Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights" (2nd edition - 2004 page 522).* Kwindi dan huwa il-grad ta' sofferenza mentali jew fizika li twassal biex it-trattament jinghad li hu inuman.

Il-Qorti Ewropea, fil-kaz **ADEN AHMED v. MALTA**[20] *(App. no. 55352/12)* fissret il-protezzjoni akkordata bl-artikolu 3 fis-segwenti termini:

"3. *The Court reiterates that according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it*

[20] Deciza fid-9 ta' Dicembru 2013

*depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim. Furthermore, in considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. However, the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see Riad and Idiab v. Belgium, nos. 29787/03 and 29810/03, §§ 95-96, 24 January 2008).*

"4. *Under Article 3, the State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject the individual to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, the prisoner's health and well-being are adequately secured (see Riad and Idiab, cited above § 99, S.D. v. Greece, no. 53541/07, § 47, 11 June 2009 and A.A. v. Greece, no. 12186/08, § 55, 22 July 2010). When assessing conditions of detention, account has to be taken of the cumulative effects of these conditions, as well as of specific allegations made by the applicant (see Dougoz, cited above, § 46). The length of the period during which a person is detained in the particular conditions also has to be considered (see, among other authorities,* ***Alver v. Estonia,*** *no. 64812/01, § 143, 8 November 2005 and, by*

implication, ***Tabesh v. Greece*,** no. 8256/07, § 43, 26 November 2009). (ara wkoll ***Peers v. Greece*** (19 ta' April 2001) u **Raninen vs Finlan**d deciza mill-Qorti Ewropea fis-16 ta' Dicembru, 1997)."

Inoltre:

*"107. The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (**Kudła v. Poland** [GC], no. 30210/96, §§ 93-94, ECHR 2000-XI)2*

Ghalhekk sabiex jista' jinghad li hemm ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, jehtieg li r-rikorrent jipprova li hemm riskju reali li f'kaz li jigi ritornat lejn l-Italja ser isofri tbatija ta' ċertu severita' , tenut kont il-kondizzjonijiet normali ta' detenzjoni f'ambjent karcerarju, u li tali tbatija taffettwa wkoll id-dinjita' tieghu.

Applikati dawn il-principji ghall-fatti tal-kaz tibda biex tghid li fil-kaz odjern, ir-rikorrent jghid li jekk jigi estradat lejn l-Italja, hemm riskju reali (anzi juza l-kelma "certezza") li ser

jigi assoggettat ghar-regim karcerarju tal-art. *41-bis* tal-*Ordinanza Penitenziaria Italiano*. Hu jissottometti li dan ir-regim tant hu restrittiv u ser jassoggettah ghall-trattament inuman u degradanti bi ksur tal-artikoli invokati.

Ir-rikorrent ipproduca bhala xhud lill-Avukat tieghu fl-Italja, l-**Avukat Francesco Passanisi** li f'termini konkreti xehed li l-applikazzjoni *o meno* tal-artikolu *41-bis* jiddependi minn ordni tal-Ministru tal-Gustizzja u l-effett tad-digriet huwa li d-detenut ikun assoggettat ghal diversi limitazzjonijiet. Fi kliemu:

*"i colloqui con i familiari conviventi avvengano solo una volta al mese ed attraverso un vetro divisorio;limitazione della somme di denaro che i familiari possono inviare al condannato; limitazione dei pacchi contenenti generi alimentari o vestiario (due volte al mese di peso non superiore ai dieci chili); censura della posta in partenza ed in arrivo; video registrazione dei colloqui coi familiari;permanenza fuori della cella di detenzione solo per un'ora e con gruppi di persone non superiori a quattro;partecipazione alle udienze in video-conferenza con una palese limitazione del diritto di difesa."*

**Jigi precizat li mill-provi prodotti l-Qorti tista' taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-**

1. Id-decizjoni tal-Ministru mhiex wahda arbitrarja imma hija wahda motivata (ara dokument emess mill-*Procura Generale della Repubblica*, Catania[21]). Skont dan id-dokument il-Ministru johrog din l-ordni jekk jsib li "*there are*

[21] Esebit a fol.43-57 tal-process

*well founded and serious public order and security considerations for asking that the regime be enforced;"*

2. L-ordni tinhareg ghal zmien limitat li, izda, jista' jigi estiz anke ripetutament;

3. Id-detenut ghandu dritt ghall-appell minn tali digriet lit-Tribunal tas-Sorveljanza ta' Ruma u mid-decizjoni moghtija minn dan it-Tribunal, lill-*Corte di Cassazione*. B'hekk ghandu l-possibilita' ta' revizjoni gudizzjarja;

4. Oltre dawn ir-rimedji gudizzjarji ghar-revizjoni jew tnehhija tad-decizjoni ministerjali, wiehed ma jridx jinsa li l-Italja hija Stat firmatarja tal-Konvenzjoni Ewropea, u li tippermetti d-dritt ghall-Petizzjoni Individwali lill-Qorti Ewropea f'Strasbourg.

5. Inoltre hemm dritt ghar-rikors lejn il-Qorti Kostituzzjonali tal-Italja u jirrizulta li l-ghola istituzzjoni gudizzjarja fl-Italja gja kellha l-okkazzjoni tippronunzja ruhha dwar il-kostituzzjonalita' ta' din id-disposizzjoni. Madanakollu f'ebda sentenza ma ippronunzjat ruhha fis-sens li dan ir-regim specjali intrinsikament jivvjola d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Taljana izda fejn sabet illegalita', ordnat l-ammendi appoziti. Tant hu hekk li, ad ezempju, ir-restrizzjoni fuq il-modalita' u l-hin akkordat ghall-konsultazzjoni bejn id-detenut u l-avukat tieghu giet ammendata u tnehhiet. Dan gie rikonoxxut mill-Avukat Passanisi meta osserva li "*ove la Corte Costituzionale ha trovato una lesione della Costituzione ha ordinato un amenda del art.41bis."*

6. Minkejja li tressqu diversi rikorsi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Taljana ghall-impunjazzjoni ta' dan l-artiklu, l-Qorti llimitat ruhha li temmenda fejn kien mehtieg u ma sabitx li din id-disposizzjoni kienet wahda illegali.

Illi kien proprju dan ir-regim karcerarju li gie analizzat mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Enea v Italy**[22]. F'dan il-kaz, l-applikant Enea kien assoggettat ghar-regim tal-artiklu *41bis* O.P.ghall-perjodu estiz ta' ghaxar snin (1994-2004).

Il-Qorti ser tikkwota minn din is-sentenza fejn tara li hu rilevanti ghall-kaz odjern:

Qabel xejn il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament tad-dispozittiv in kwistjoni:

*" 5. Section 41bis of the Prison Administration Act (Law no. 354 of 1975), as amended by Law no. 356 of 7 August 1992, gives the Minister of Justice the power to suspend application of the ordinary prison regime as laid down in Law no. 354 of 1975 in whole or in part, by means of a decision stating grounds which is subject to judicial review, for reasons of public order and security in cases where the ordinary prison regime would conflict with these requirements. Such a measure can be applied only to prisoners charged with or sentenced for the offences mentioned in section 41-bis of the Act, which include offences relating to Mafia activities."*

[22] *Application no. 74912/01)* deciz fis-17 ta' Settembru 2009

"6. *In so far as the applicant appears to complain of it, the Court must also examine whether the extended application of the special prison regime provided for by section 41 bis amounts to a breach of Article 3 of the Convention.*

*7. The Court accepts that, generally speaking, the extended application of certain restrictions may place a prisoner in a situation that could amount to inhuman or degrading treatment. However, it cannot define a precise length of time beyond which such a situation attains the minimum threshold of severity required to fall within the scope of Article 3. On the contrary, the length of time must be examined in the light of the circumstances of each case; this entails, inter alia, ascertaining whether the renewal or extension of the restrictions in question was justified or not (see* ***Argenti v. Italy****, no. 56317/00, § 21, 10 November 2005).*

*8. The Court notes that the restrictions imposed as a result of the special prison regime were necessary to prevent the applicant, who posed a danger to society, from maintaining contacts with the criminal organisation to which he belonged. The applicant did not submit any evidence to the Court which would lead it to conclude that the extension of those restrictions was patently unjustified (see, mutatis mutandis, Argenti, cited above, §§ 20-23, where the Court found that the application of the special prison regime for over twelve years was not contrary to Article 3 of the Convention).*

*9. In view of the foregoing, the Court considers that the treatment to which the applicant was subjected did not exceed the unavoidable level of suffering inherent in detention. As the minimum threshold of severity required in order to fall within the scope of Article 3 of the Convention was not attained, that provision has not been breached in the present case.*

*Accordingly, there has been no violation of Article 3."*

FIl-kaz fuq citat **Argenti v Italy**, il-Qorti osservat li l-ordni li inghatat fil-kuntest tal-artiklu *41bis*, kif ukoll l-estensjonijiet successivi, kienu gustifikati minhabba li baqghu jissussistu l-kondizzjonijiet li kienu nnecessitaw l-ewwel applikazzjoni ta' dan l-artiklu. Ir-rikorrent kien irrikorra lejn l-awtoritajiet gudizzjarji sabiex jirrevedu d-decizjonijiet ministerjali, u kull darba sabu li kienu gustifikati. Il-Qorti Ewropea sabet li l-argumenti sollevati mill-Gvern Taljan biex jiggustifika d-decizjonijiet mehuda ma kienux sproporzjonati tenut kont il-komportament tar-rikorrent li kien gie ikkundannat ghall-piena karcerarja minhabba l-kommissjoni ta' reati gravi u serji. Dwar dan ir-regim kif applikat ghar-rikorrent Argenti, l-Qorti sabet li: "*De ce fait, la souffrance ou l'humiliation que le requérant a pu ressentir ne sont pas allées au-delà de celles que comporte inévitablement une forme donnée de traitement – en l'espèce prolongé – ou de peine légitime (arrêt Labita précité, § 120, Bastone c. Italie, (déc.). n$^o$ 59638/00 du 18 janvier 2005).*

*En outre, le requérant n'a pas fourni à la Cour d'éléments qui lui permettraient de conclure que la prorogation des restrictions ne se justifiait manifestement pas en*

*l'espèce"(para 22.)"* Ghalhekk ma sabetx li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

**Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami,** il-Qorti ssib li t-talba tar-rikorrent m'ghandhiex tirnexxi ghal diversi ragunijiet u cioe`:

1. Ir-rikorrent ma weriex soddisfacentement li hemm riskju reali li ser jigi assoggettat ghar-regim karcerarju imsemmi;

2. Ir-regim karcerarju *per se* mhuwiex lesiv tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (u konsegwentement tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni) imma jehtieg li jigi ezaminat fil-kuntest ta' kull kaz partikolari.

Rigward l-ewwel punt ta' riskju reali, dak li r-rikorrent jallega li ser isir b'certezza, fl-ahhar mill-ahhar mhuwiex ippruvat. Filwaqt li l-Qorti tikkoncedi li hemm possibilita' li dan ir-regim jigi applikat fil-konfront tar-rikorrent, ir-realta' tiddependi fuq diversi fatturi, mhux lanqas, li l-Ministru ikun indott mic-cirkostanzi biex jikkonsidra li Sebastiano Brunno ghadu jaghmel parti mir-rete mafjuza, li ser jikkomporta ruhu b'mod li jzomm fis-sehh l-assocjazzjonijiet kriminali li seta' kellu fil-passat, u li jezistu ragunijiet serji ta' sikurezza pubblika biex jigi applikat dan ir-regim. Inoltre jekk il-Ministru jaghzel li japplika dan ir-regim, ir-ragunijiet tieghu jridu jigu mfissra lir-rikorrent.

Huwa minnu li l-Avukat Passanisi stqarr li "*il reato di omicidio volontario aggravato dalla finalita' mafiosa, per cui Brunno e' stato condannato all'ergastolo, rientra tra i reati*

*per cui e' prevista l'applicabilita' del regime detentivo previsto dall'art.41bis,O.P."* Izda jirrizulta wkoll li t-talba ghall-estradizzjoni odjerna teskludi l'aggravanti skont l-Artikolu 7 tal-Liġi numru 203 tat-12 ta' Lulju 1991 fir-rigward tal-omiċidju volontarju u b'hekk huwa eskluz ir-reat t' "associazione mafiosa." Tant hu hekk li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti rimandanti skartat it-tezi tal-akkuzat li *″mhux minnu li l-esklużjoni tal-Artikolu 7 tal-Liġi numru 203 tat-12 ta' Lulju 1991 teskludi "lo stampo Mafioso del reato" iżda jeskludi biss ir-reat t' "associazione mafiosa".*

Kif gja gie rrapportat fil-bidu ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Magistrati ikkonkludiet hekk fir-rigward tal-eskluzjoni tal-aggravju imsemmi:

*"Dan ifisser li huwa għalhekk jista' jibbenefika minn kundizzjoni ta' piena aħjar minn dak li kien oriġinarjament kontestat lilu qabel ma tali kwalifika ġiet eskluża lilu. Biss din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li dak li l-esklużjoni ta' din il-kwalifika kienet sempliċiment esklużjoni tar-reat t' "associazione mafiosa" kif eċċepit mid-Difiża u b'hekk din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta."*

Inoltre, dak li Passanisi afferma li kien ser isir b'certezza, cioe`, l-assoggettar ta' Brunno ghar-regim specjali tal-art.*41bis* gie rtirat minnu fejn qal hekk:

*"Infatti Signora Giudice volevo precisare per dire che non e una certezza la mia: ci tenevo a precisarlo"*[23] .

---

[23] Fol 34 *a tergo* tat-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu.

Rigward it-tieni punt, ir-regim karcerarju specjali fih innifsu mhuwiex leziv kif qed jippretendi r-rikorrent. Gjaladarba lanqas ic-certezza tal-applikabbilita' tal-artikolu invokati gie ppruvat, il-Qorti tista' tikkonkludi li l-aspett tar-riskju reali jew biza fondata li r-rikorrent ser jigi assoggettat ghal trattament inuman u degradanti huwa nieqes. Imma anke l-aspett sostantanttiv ma jirrizultax u hawn il-Qorti taghmel referenza shiha ghar-ragunament u apprezzament tal-Qorti Ewropea li lanqas sabet lezjoni fejn id-detenut kien marid (Enea) u fejn ir-regim sahansitra kien gie estiz ghal bosta snin (Enea u Argenti). Il-Qorti Ewropea ezaminat kull kaz skont il-fattispecie tieghu minghajr ma sabet li l-poteri tal-Ministru Taljan *per se* kienu jledu l-artikolu 3.

Fil-kaz odjern, il-Qorti tikkonsidra li r-rikorrent jista' sahansitra jipprevjeni l-applikazzjoni ta' tali regim jekk juri bil-komportament tieghu li ma jirraprezentax theddida ghas-sigurta` pubblika minhabba assocjazzjoni mafjuza. Inoltre, anke jekk tali ordni tigi emmessa, ghandu d-dritt li jappella ghal darba, darbtejn kontra l-ordni principali ghar-rimedju gudizzjarju f'kaz li l-Ministru jesercita' d-diskrezzjoni tieghu abbuzivament. Dan minbarra r-rimedji kostituzzjonali u konvenzjonali applikabbli. Il-Qorti m'ghandhiex ragun biex temmen li mhuwiex ser jinghata smigh xieraq fil-Qrati Taljani f'kaz li dan ir-regim jigi applikat ingustament.

**Ghaldaqstant tqis li t-tieni talba tar-rikorrent hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.**

In segwitu tichad ukoll it-tielet talba li hija konsegwenzjali ghat-talbiet precedenti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, filwaqt li tilqa' t-tielet eccezzjoni preliminari tal-intimati u l-eccezzjonijiet fil-mertu, tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**03 ta' Dicembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**03 ta' Dicembru 2015**